IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.6.2015
COM(2015) 303 final

2015/0134 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/1995 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-format uniformi għall-viżi għall-ewwel ġie żviluppat fil-kooperazzjoni intergovernattiva ta' Schengen u mdaħħal fil-liġi tal-UE bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża. L-Istati Membri kollha, inklużi d-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda pparteċipaw f'dan ir-Regolament li kien ibbażat fuq l-Artikolu 100(c) TEC introdott f'Maastricht. L-integrazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fl-Unjoni u l-introduzzjoni ta' "ġeometrija varjabbli" fil-liġi tal-Unjoni saret wara, fl-1 ta' Mejju 1999, meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Amsterdam.

Ir-Regolament (KE) Nru 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża assuma d-disinn adottat mill-Istati ta' Schengen u jistipula fil-premessi tiegħu li dawn id-dokumenti għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa u jilħqu standards tekniċi għoljin ħafna, b'mod partikolari fir-rigward tas-salvagwardji kontra l-kontrafazzjoni u l-falsifikazzjoni. Dawn il-miżuri ttieħdu fil-qafas tal-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari.

Mill-introduzzjoni ta' format uniformi għall-viżi, ġew adottati żewġ modifiki sostanzjali tar-Regolament inizjali, li kkontribwew għall-ħruġ ta' dokumenti siguri, biex b'hekk jissodisfaw standards tekniċi għoljin ħafna. L-ewwel emenda ġiet introdotta permezz tar-Regolament (KE) Nru 334/2002 li jinkludi ritratt prodott skond standards għolja ta' sigurtà bħala l-ewwel pass lejn l-użu ta' elementi li jistabbilixxu rabta aktar affidabbli bejn l-istiker tal-viża u d-detentur, bħala kontribut importanti biex ikun żgurat li l-format uniformi għall-viżi jkun protett ukoll kontra l-użu frawdolenti. It-tieni emenda permezz tar-Regolament (KE) Nru 856/2008 kienet primarjament relatata mal-adattament tan-numerazzjoni sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS).

Filwaqt li l-kunċett ta' sigurtà għall-format uniformi tal-viża jmur lura għall-1995, bil-modifikazzjonijiet imsemmijin hawn fuq, reċentement ġew skoperti viżi falsifikati ta' kwalità għolja f'diversi Stati Membri. Huwa għalhekk neċessarju li jiġi żviluppat kunċett ġdid ta' sigurtà u tfassil għal viża aktar sigura fil-ġejjieni.

Għal kunċett futur tal-viża huwa importanti li jiġi kkunsidrat li d-dokument tal-viża attwali tal-UE huwa parti mis-sistema kollha tal-viża inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), li għadha fil-fażi inizjali tal-implimentazzjoni tagħha.

Irrispettivament mis-sistema ta' bażijiet tad-dejta, għalissa għadu meħtieġ li jkun hemm dokument fiżiku għall-viża. Għad hemm il-ħtieġa ta' stiker tal-viża, l-ewwel nett minħabba l-Viżi ta' Dħul Multiplu (Multiple Entry Visas - MEV) kollha li jinħarġu b'perjodu twil ta' validità qabel l-implimentazzjoni sħiħa tal-VIS u t-tieni nett, minħabba li l-format uniformi tal-viża huwa użat ukoll għal Viżi-D ta' soġġorn twil, li mhumiex maħżuna fil-VIS u li se jibqa' validu għal bosta snin.

Għal dawn ir-raġunijiet xorta se jkun meħtieġ dokument fiżiku għall-istiker tal-viża għas-snin li ġejjin.

Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-istiker attwali tal-viża, hemm bżonn ta' aktar titjib fis-sigurtà ġenerali, mingħajr ma jiżdiedu l-ispejjeż għad-dokument innifsu.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

F’każ ta’ falsifikazzjoni reċenti ħafna, kien hemm imitazzjonijiet ta' stikers tal-viża Spanjoli, Awstrijaċi, Ġermaniżi, Taljani u Ċeki.

Il-karatteristiċi komuni tal-falsifikazzjoni huma dawn li ġejjin: Il-Kinegrams kollha huma ġenwini, u tqaxxru minn dokumenti awtentiċi, għalhekk parti mill-istampar b’intall u l-fibri oriġinali jistgħu jidhru wkoll fuq viżi ffalisifikati. Ma kienx hemm differenzi sinifikanti fil-grafiki viżibbli; dawn ġew diġitalizzati permezz ta’ skanner. L-istampar offset viżibbli fl-isfond kien imitat. L-istampar UV bla kulur sar permezz ta’ kolorazzjoni qawsalla bi cliché waħda. Fibri tal-UV b’ħafna kuluri li ġew imitati minn stampar offset fuq xi viżi ffalsifikati.

Speċjalisti tal-Istati Membri għalhekk iqisu li l-istiker tal-viża f’disinn attwali tagħha mhijiex sigura. Minn dan jirriżulta li hemm urġenza biex jiġi żviluppat disinn ġdid b’karatteristiċi ta’ sigurtà aħjar għall-istiker tal-viża.

Il-kumitat stabbilit bl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1683/1995 kien diġà ħoloq sottokumitat fl-2009, bil-għan li jiżviluppa abbozz ta’ disinn ġdid b’karatteristiċi ta’ sigurtà komuni. Is-sottogrupp iltaqa’ minn darbtejn sa tliet darbiet fis-sena biex iħejji input dettaljat għad-disinn il-ġdid.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-futur ser jippermettu li l-Istati Membri jipproduċu stiker ġdida tal-viża bl-istess disinn (uniformi), karta u karatteristiċi ta’ sigurtà. Fid-disinn il-ġdid, il-karatteristiċi ta’ sigurtà huma mneħħija mit-truf tal-istiker u mqiegħda f’postijiet fejn ma jistgħux jinqatgħu faċilment. Barra minn hekk, biex insemmu xi suġġerimenti għad-disinn il-ġdid, hemm suġġeriment ta' żewġ numri fuq l-istiker, wieħed vertikali, ħdejn ir-ritratt bl-użu ta' letterpress differenti u ieħor orizzontali fir-rokna ta' fuq fil-lemin. Il-Kinegram se jitqiegħed imrikkeb fuq iż-żona tar-ritratt u sovrastampat bil-UV. Dawn is-suġġerimenti saru mill-Istati Membri wara analiżi bir-reqqa tal-aktar tipi komuni ta’ attakki ta' frodi fuq l-istiker tal-viża. Dan għandu jżid b’mod sinifikanti l-livell ta’ sigurtà tal-istiker tal-viża.

Il-kost tal-istiker futur tal-viża se jkun l-istess bħal dak attwali minħabba li xi fornituri qablu li jwasslu l-prodotti tagħhom bl-istess prezz. Madankollu, jista’ jkun hemm spiża addizzjonali ta’ darba għall-produtturi individwali f’xi Stati Membri għaliex dawn iridu jadattaw il-produzzjoni għar-rekwiżiti l-ġodda.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Għaliex ma hemmx proposta ta' riformulazzjoni?

Fil-prinċipju, it-tielet emenda sostanzjali (- bl-inklużjoni tal-adattamenti tekniċi fl-okkażjoni tal-adeżjonijiet ta’ Stati Membri ġodda u l-adozzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi, il-proposta attwali tikkostitwixxi *s-sitt* emenda -) normalment għandha tkun l-okkażjoni biex tkun proposta riformulazzjoni.

F’dan il-każ, hemm argumenti li jimmotivaw devjazzjoni minn din ir-regola. Il-bidliet ewlenin se jkunu fid-Deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni, li tistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi sigrieti għall-produzzjoni tal-istiker il-ġdida tal-viża – sigrieti minħabba li l-frodisti ma għandux ikollhom aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-produzzjoni tal-istiker tal-viża. Ma hemm l-ebda tibdil sostantiv għat-terminu normattiv ta’ dan ir-Regolament, l-Anness biss huwa mibdul biex juri d-disinn il-ġdid. Hemm bżonn li l-azzjoni tittieħed malajr peress li l-frodisti jinsabu f'vantaġġ; il-format tal-viża jeħtieġ li jsir aktar reżistenti għall-frodi. Barra minn hekk, dan ir-Regolament huwa ta’ interess limitat għal pubbliku ġenerali, b'kuntrarju għal regolamenti ewlenin bħall-Kodiċi dwar il-Viżi.

Kodifikazzjoni tar-Regolament f'format uniformi għall-viżi tista' ssir wara l-adozzjoni ta’ din l-emenda proposta, li hija urġenti.

Prinċipju ta' sussidjarjetà

L-Artikolu 77(2)(a) TFUE jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jadottaw “miżuri li jikkonċernaw il-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira”.

Dawk il-miżuri jinkludu, bħal ma kien testwalment impliċitu fit-test preċedenti tal-Artikolu 62(2)(b)(iii) TEC u l-Artikolu 100c(3) TEC, format uniformi tal-viżi.

Il-proposta attwali hija fil-limiti stabbiliti minn dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, u ma tbiddilx il-kamp ta’ applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

L-objettiv ta’ din il-proposta huwa li l-format uniformi għall-viżi jsir aktar sigur u jittejjeb fid-dawl ta’ żviluppi fil-prattiki tal-frodisti. Dan l-objettiv ma jistax jinkiseb b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, minħabba li l-format uniformi jeħtieġ ikun uniformi u emenda għal att tal-Unjoni li diġà jeżisti tista’ ssir biss mill-Unjoni.

Prinċipju ta' proporzjonalità

L-Artikolu 5(4) TFUE jistipula li l-kontenut u l-forma ta' azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi tat-Trattati. Il-forma magħżula għal din l-azzjoni trid tkun tippermetti li l-proposta tilħaq l-għan tagħha u li tiġi implimentata bl-iktar mod effettiv possibbli.

L-istabbiliment tal-format uniformi tal-viżi ħa l-forma ta’ Regolament sabiex jiġi żgurat li jkun applikat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Din il-proposta tikkostitwixxi emenda ta’ regolament li diġà jeżisti u għalhekk trid tieħu l-forma ta’ regolament. Fir-rigward tal-kontenut, din l-inizjattiva hija limitata għal titjib fir-Regolament eżistenti u hija bbażata fuq l-objettiv ta' politika li tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari billi d-dokumenti jsiru aktar siguri kontra l-kontrafazzjoni u l-iffalsifikar. Il-proposta għalhekk tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-għażla ta’ strument

Din il-proposta temenda r-Regolament (KE) Nru 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi. Għalhekk jista’ jingħażel biss Regolament bħala strument legali.

Dispożizzjonijiet dettaljati

Ir-Regolament emendatorju huwa bbażat fuq l-Artikolu 77(2)(a) tat-TFUE, li ssostitwixxa l-Artikolu 62(2)(b)(iii) TEC.

1. Il-parteċipazzjoni tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit

Skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, l-Artikoli 1, 2 u 3 ta’ dan il-Protokoll ma għandhomx japplikaw għal miżuri rigward format uniformi għall-viżi. Għalhekk ma ddaħħlet l-ebda premessa fir-rigward tad-Danimarka, minħabba li d-Danimarka hija fl-istess pożizzjoni bħal kull Stat Membru ieħor mhux imsemmi fi premessa: meta tiġi adottata, din il-proposta se tapplika għaliha.

Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4a tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattati, id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Protokoll japplikaw ukoll għall-miżuri proposti jew adottati skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE li jemendaw miżura eżistenti li biha huma marbuta. Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir- Regolament (KE) Nru 1683/95, li din il-proposta tipproponi li temenda. Minn dan isegwi li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 21.

Dan ifisser li r-Renju Unit u l-Irlanda ma għandhomx jieħdu sehem fl-adozzjoni tar-Regolament propost (l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 21), soġġett għall-fakultà tagħhom, skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21, li jinnotifikaw fi żmien tliet xhur wara li l-proposta tkun ġiet ippreżentata lill-Kunsill, li huma jkunu jixtiequ li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-miżura. L-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 japplika wkoll, billi jagħti lir-Renju Unit u lill-Irlanda l-fakultà li jingħaqdu mal-miżura wara l-adozzjoni tagħha mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, jekk ma jkunux għamlu dan fi żmien tliet xhur wara l-adozzjoni tal-proposta. Biex jiġu kkunsidrati l-għażliet li għandhom isiru mill-Irlanda u r-Renju Unit fit-tliet xhur wara l-adozzjoni tal-proposta, hemm sitt premessi possibbli f'parentesi kwadri, li minnhom waħda jew tnejn jingħażlu bħala l-aktar xierqa mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, abbażi tal-għażliet li jagħmlu l-Irlanda u r-Renju Unit fit-tliet xhur wara l-adozzjoni tal-proposta.

2. L-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1683/95 huwa parti mill-*acquis* ta' Schengen li miegħu n-Norveġja u l-Iżlanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein huma assoċjati abbażi tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi tagħhom. L-emenda proposta għandha għalhekk tapplika wkoll għal dawn il-pajjiżi assoċjati.

3. Termini normattivi

Artikolu 1

Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li l-Anness tar- Regolament (KE) Nru 1683/1995 għandu jiġi sostitwit bl-Anness il-ġdid, li jkun fih l-immaġni u deskrizzjoni ġenerali tal-istiker il-ġdid tal-viża.

Artikolu 2

Biex ikunu jistgħu jintużaw il-ħażniet eżistenti, huwa previst perjodu tranżitorju ta' sitt xhur li fih l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jużaw l-istikers tal-viża l-qodma.

Artikolu 3

L-ewwel nett hemm id-dispożizzjoni tas-soltu għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

It-tieni, huwa previst li l-Istati Membri jintroduċu l-istiker il-ġdida tal-viża disa' xhur wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi supplimentari.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-emenda proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

2015/0134 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/1995 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95[1] kien jippreskrivi format uniformi għall-viżi.

(2) L-istiker attwali tal-viża, li ilha fiċ-ċirkolazzjoni għal 20 sena, għandha titqies bħala mhux sigura fid-dawl ta' inċidenti serji ta' falsifikazzjoni u frodi.

(3) Għalhekk għandu jiġi stabbilit disinn komuni ġdid b'karatteristiċi ta' sigurtà aktar moderni biex l-istiker tal-viża ssir aktar sigura u tiġi evitata l-falsifikazzjoni.

(4) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(5) [B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.]

(6) [B'konformità mal-Artikoli 1, u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.]

(7) [B'konformità mal-Artikoli 1, u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1).

ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

(8) [B'konformita mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawn l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

(9) [B'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit innotifika (permezz tal-ittra ta' ...,) ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

(10) [B'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq, jew li b'xi mod ieħor huwa relatat, mal-*acquis* ta' Schengen, rispettivament fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003, tal-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005 u tal-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011..

(12) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn it-tnejn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[2], li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, il-punt B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[3].

(13) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[4], li jaqa' fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, il-punt B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[5].

(14) Fir-rigward ta' Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Protokoll ffirmat bejn l-Unjoni

---

2 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

4 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

5 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*Acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1);

Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[6], li jaqa' fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/KE[7].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1683/95 huwa ssostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-istikers tal-viża li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1683/95 li huma applikabbli sad-data msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 jistgħu jintużaw għal viżi maħruġa sa sitt xhur wara dik id-data.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika minn disa' xhur wara l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi ulterjuri msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1683/95.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Il-President*	*Għall-Kunsill* *Il-President*

6 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

7 Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).